Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ta' l-4 ta' Ottubru 2007 — Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika tal-Finlandja

(Kawża C-523/06)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2000/59/KE — Faċilitajiet ta' akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija — Nuqqas milli jiġu stabbiliti u implementati pjanijiet għall-akkoljenza u t-tqandil ta' skart għall-portijiet kollha"

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 11)*

2. *Atti ta' l-istituzzjonijiet — Direttivi — Eżekuzzjoni mill-Istati Membri (Artikolu 249 KE) (ara l-punt 12)*

3. *Ambjent — Skart — Direttiva 2000/59 — Skart iġġenerat mill-bastimenti u fdalijiet mill-merkanzija (Direttiva 2000/59 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, Artikolu 5(1)) (ara l-punti 13, 14)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Artikoli 5(1) u 16(1) tad-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Novembru 2000, dwar il-faċilitajiet ta' akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija (ĠU L 332, p. 81) — Nuqqas li jiġu stabbiliti u implementati pjanijiet għall-akkoljenza u t-tqandil ta' skart għall-portijiet kollha tal-Finlandja.

Dispożittiv

1) Billi ma stabbilixxietx u ma implementatx pjanijiet ta' akkoljenza u ta' tqandil ta' skart għall-portijiet kollha tagħha, ir-Repubblika tal-Finlandja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 5(1) u 16(1) tad-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Novembru 2000, dwar il-faċilitajiet ta' l-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija.

2) Ir-Repubblika tal-Finlandja hija kkundannata għall-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) ta' l-4 ta' Ottubru 2007 — É.R. *et* vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni

(Kawża C-100/07 P)

"Appell — Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità — 'Enċefalopatija sponġiformi bovina' — Nuqqas ta' miżuri adegwati meħuda mill-Kunsill u mill-Kummissjoni sabiex jiġi evitat it-tixrid tal-marda — Appell manifestament infondat"

1. Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kundizzjonijiet (It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 288 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 46) (Ara l-punt 27)

2. Appell — Aggravji — Aggravju kontra kunsiderazzjoni tas-sentenza li mhijiex neċessarja sabiex ikun iġġustifikat id-dispożittiv tas-sentenza — Aggravju irrilevanti (Artikolu 225 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 58) (Ara l-punt 40)